**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

***SMALL CLAIMS TRIBUNAL***

# GUDIKATUR: DR ANTHONY ELLUL, LL.D.

## SEDUTA TA' NHAR IL-GIMGHA 10 TA' MEJJU, 2002

**Numru: 1**

**Avviz numru: 131/02AE**

**Rausi Insurance Agency Limited**

**Vs**

**Neil Pavia u b'digriet tal-25 ta' Marzu 2002 isem il-konvenut gie sostitwit bl-isem**
**Clayton Communications Co Ltd.**

**It-Tribunal,**

Ra l-avviz tat-talba li permezz tieghu is-socjeta attrici talbet il-hlas tas-somma ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltija (Lm617) rapprezentanti hlas ta' *premia* fuq poloz ta' assigurazzjoni mahruga mis-socjeta attrici fuq ordni tal-konvenut stess.

Ra r-risposta tal-konvenut Neil Pavia (fol. 8).

Ra d-digriet moghti mit-Tribunal fis-seduta tal-25 ta' Marzu 2002, u li permezz tieghu isem il-konvenut Neil Pavia gie sostitwit bl-isem Clayton Communications Ltd.

Ra li s-socjeta Clayton Communications Ltd debitament notifikata naqset milli tikkontesta l-proceduri, u fis-seduta tal-lum ipprezentat nota ta' ammissjoni ghat-talba tas-socjeta attrici.

Ghal dawn il-motivi t-Tribunal qieghed jikkundanna lis-socjeta konvenuta sabiex thallas is-somma ta' sitt mija u sbatax-il lira Maltija (Lm617) kif fuq spejgat, bl-imghax skond il-ligi.

L-ispejjez (inkluzi d-drittijiet legali) huma ghak-karigu tas-socjeta konvenuta.    B'dan li s-socjeta attrici ghandha taghmel tajjeb ghall-ispejjez tal-konvenut Neil Pavia.

**Avukat Dr. Anthony Ellul**
**Gudikatur**